IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.8.2013
COM(2013) 577 final

2013/0280 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u b'mod partikolari l-Majott

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Bid-Deċiżjoni 2012/419/EU li temenda l-i*status* tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li mill-1 ta' Jannar 2014, l-i*status* tal-Majott ikun ta' reġjun ultraperiferiku skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) minflok ta' pajjiż u territorju *extra*-Ewropew (OCT) skont l-Artikolu 355(2) tat-TFUE. Għal dan l-għan, fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew msemmija hawn fuq, il-Majott ġie miżjud mal-lista tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-Artikoli 349 u 355(1) tat-TFUE. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-VAT (id-Direttiva 2006/112/KE[1]) u d-dazji tas-sisa (id-Direttiva 2008/118/KE[2]) għaldaqstant se japplikaw fil-Majott wara t-tibdil fl-i*status*. L-objettiv ta' din il-proposta, fil-qofol tiegħu huwa li jġib is-sitwazzjoni tal-Majott konformi ma' tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi l-oħra billi jeskludih mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE. Barra minn hekk, l-intenzjoni hija li jkun aktar ċar, bir-riferiment għall-Artikoli 349 u 355(1) tat-TFUE, li dawn ir-reġjuni kollha inkluż il-Majott jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-Direttivi.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Kollox ma' kollox, l-uniku tibdil magħmul minn din il-proposta jirrigwarda r-reġjun tal-Majott. Għax dan qiegħed f'qagħda simili għal ta' reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi oħrajn, l-objettiv tal-proposta huwa li jiġi żgurat li huwa jkun suġġett għall-istess trattament skont iż-żewġ direttivi msemmija hawn fuq meta jsir reġjun ultraperiferiku fl-1 ta' Jannar 2014. Il-proposta mhu se jkollha l-ebda impatt fuq il-qagħda ta' reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi oħrajn. Sabiex ikun ċar li kwalunkwe tibdil fl-i*status* ta' dawn ir-reġjuni kollha - inkluż tal-Majott - skont il-liġi nazzjonali ma għandu l-ebda effett fuq is-sitwazzjoni tagħhom skont id-Direttivi msemmija hawn fuq, qed jiġi propost li d-deżinjazzjoni tagħhom għandha tinbidel, u ssir referenza għall-Artikoli 349 u 355(1) tat-TFUE minn issa 'l quddiem.

Għaldaqstant il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt għax ma hemmx raġunijiet biex issir.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sommmarju tal-miżuri proposti

Il-proposta tipprevedi li d-Direttivi 2006/112/KE and 2008/118/KE ma japplikawx għar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi elenkati fl-Artikoli 349 u 355(1) tat-TFUE.

Bażi Legali

L-Artikolu 113 tat-TFUE.

---

1 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta'Novembru 2006 dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE, ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà

L-Artikolu 113 tat-TFUE jistieden lill-Kunsill biex jadotta dispożizzjonijiet, għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni, li jirrigwardaw it-taxxi fuq id-dħul minn negozji u d-dazji tas-sisa.

Hija l-Unjoni Ewropea biss li għandha l-kompetenza li tiddefinixxi għal liema territorju l-leġiżlazzjoni armonizzata tapplika.

Il-proposta għaldaqstant hija konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba dawn ir-raġunijiet.

L-objettiv tal-proposta huwa li l-Majott jingħata l-istess *status* bħal dak li ilu japplika fil-Gwadelup, fil-Gujana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion. Din tiċċara l-i*status* tal-parti Franċiża ta' Saint-Martin mingħajr ma timmodifikaha.

L-għażla tal-istrumenti

L-istrument propost: Id-Direttiva tal-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat.

Strumenti oħra ma kinux ikunu xierqa minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

Minħabba li l-għan huwa li jiġu emendati żewġ Direttivi, trid tintuża l-istess forma legali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandiex impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

5. ELEMENTI MHUX OBBLIGATORJI

L-Artikoli 1 u 2 jagħmlu l-istess emenda lil żewġ Artikoli tad-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE, li jirrigwadaw il-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dawn iż-żewġ Direttivi, billi jbiddlu "Dipartiment Franċiż *extra*-Ewropew" b'"reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi elenkati fl-Artikoli 349 u 355(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea".

Din il-formulazzjoni ġdida tagħmilha ċara li kwalunkwe tibdil fil-liġi nazzjonali ta' dawn it-territorji mhux se jaffettwa s-sitwazzjoni tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam maż-żewġ Direttivi.

Is-sitwazzjoni f'Saint Barthélemy ma għandhiex għalfejn tkun eżaminata billi dan it-territorju ma baqax reġjun ultraperiferiku fl-1 ta' Jannar 2012 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/718/UE tad-29 ta' Ottubru 2010.

Minħabba s-sempliċita tal-miżuri ta' traspożizzjoni li għandhom jiġu implimentati, il-Kummissjoni ma teħtieġx dokumenti ta' spjegazzjoni sabiex twettaq il-kompitu tagħha li tissorvelja t-traspożizzjoni tad-Direttivi. Il-miżuri differenti ta' traspożizzjoni li għandhom jiġu nnotifikati għandhom ikunu suffiċjentement espliċiti.

2013/0280 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u b'mod partikolari l-Majott

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artrikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2012/419/EU li temenda l-i*status* tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea[5], il-Kunsill Ewropew iddeċieda li mill-1 ta' Jannar 2014, l-i*status* tal-Majott ikun ta' reġjun ultraperiferiku skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) minflok ta' pajjiż u territorju *extra*-Ewropew (OCT) skont l-Artikolu 355(2) tat-TFUE. Għal dan l-għan, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew msemmija hawn fuq, il-Majott ġie miżjud mal-lista tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-Artikoli 349 u 355(1) tat-TFUE. Il-leġiżlazzjoni fiskali tal-Komunità għaldaqstant għandha tapplika fil-Majott wara dan it-tibdil fl-i*status*.

(2) Fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u d-dazji tas-sisa, il-Majott jinsab fl-istess qagħda tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi eżistenti (il-Gwadelup, il-Gujana Franċiża, Martinique, Réunion u Saint-Martin) li ma jaqgħux fil-kamp ta' azzjoni territorjali tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud[6], u d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazji tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE[7]. Għalkemm id-dispożizzjonijiet eżistenti ta' dawn iż-żewġ Direttivi jeskludu "id-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej" mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħhom, u l-Majott jgawdi minn dan l-i*status* skont il-liġi Franċiża, jeħtieġ li dawn iż-żewġ direttivi jiġu adattati billi l-Majott ma kienx parti mit-territorju tal-Unjoni meta dawn id-Direttivi ġew adottati. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/112/KE u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/118/KE iridu għalhekk jiġu emendati sabiex jinkludu l-Majott f'dawn id-Dispożizzjonijiet.

---

3 ĠU C , , p. .

4 ĠU C , , p. .

5 ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131.

6 ĠU L 347, 11,12.2006, p. 1.

7 ĠU L 9, 14,1.2009, p. 12.

(3) Sabiex ikun ċar li l-Majott u r-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi l-oħra huma eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE, ikun x'ikun it-tibdil fl-i*status* tagħhom skont il-liġi Franċiża, għandha ssir referenza għall-Artikoli 349 u 355(1) tat-TFUE għal dawn ir-reġjuni kollha.

(4) Id-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE għandhom għaldaqstant jiġu emendati kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

L-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 2006/112/KE jinbidel b'dan li ġej:

"c) ir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi elenkati fl-Artikoli 349 u 355(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;".

Artikolu 2

L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/118/KE huwa emendat kif ġej:

a) Il-paragrafu (2)(b) jinbidel b'dan li ġej:

"b) ir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi elenkati fl-Artikoli 349 u 355(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;".

b) Il-paragrafu (5) jinbidel b'dan li ġej:

"Franza tista' tinnotifika, permezz ta' dikjarazzjoni, li din id-Direttiva u d-Direttivi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 japplikaw għat-territorji li hemm referenza għalihom fil-paragrafu (2)(b) — suġġetti għall-miżuri sabiex jadattaw minħabba d-distanza ultraperiferika tagħhom — fir-rigward ta' xi oġġetti jew l-oġġetti kollha tas-sisa li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1, mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara li ssir din id-dikjarazzjoni."

Artikolu 3

1. L-Istati Membri jadottaw u jippubblikaw, mhux aktar tard mill-31 ta Diċembru 2013, il-liġijiet, ir-regolamenti u l-arranġamenti amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma, immedjatament, jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

   Mill-1 ta' Jannar 2014 japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, irid ikun hemm referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza ta' dan it-tip meta jiġu ppubblikati uffiċjalment L-Istati Membri jiddeterminaw kif tali referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill
Il-President